# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 2 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1110/2020 JVC**

**Abdulnaser Alnakib (KI 0066212L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Abdulnaser Alnakib bil-karta tal-identita' numru 66212L, li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi huwa twieled fl-10 ta' Marzu 1972 gewwa Aleppo, is-Sirja;

2. Illi fit-twelid, l-isem tieghu kien Abdlnaser Alnakib, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu bil-lingwa Gharbija tradott ghall-lingwa Ingliza (kopja annessa bhala Dok. A);

3. Illi liema twelid gie ukoll registrat f'Malta kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu (kopja annessa bhala Dok.B);

4. Illi l-esponent, bhala cittadin Malti, ghandu interess u jixtieq illi jsir tibdil fl-atti tat-twelid b'registrazzjoni fil-kunjom tal-attur sabiex minn 'Alnakib' minfloku jigi l-kunjom 'Mardenli';

5. Illi l-esponent qed jiddikjara umilment lil din l-Onorabbli Qorti li fic-certifikat tat-twelid mahrug mis-Sirja, kunjomu kien tnizzel b'mod hazin minhabba traskuragni jew nuqqas ta' hila/ informazzjoni;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid l-esponent jigi notat illi kunjomu jinbidel ufficjalment minn 'Alnakib' ma' dak ta' 'Mardenli';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid tal-esponent f'Malta billi jissostitwixxi l-kunjom 'Alnakib' ma' dak ta' 'Mardenli';

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponent biex b'hekk il-kunjom 'Alnakib' jigi sostitwit bil-kunjom 'Mardenli';

4. Illi wkoll skont Artiklu 253(3) fejn din ir-registrazzjoni tirrifletti wkoll f'dawk ic-cirkostanzi fejn ikun hemm ulied jew dixxindenti ta' tali esponent; l-esponent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex dan it-tibdil fil-kunjom minn 'Alnakib' ma' dak ta' 'Mardenli' jirrifletti wkoll lill-erba' ulied tieghu li huma dawn is-segwenti;

(a) Josef Alkanib li huwa mwieled nhar l-20 ta' Mejju 2006 (registrazzjoni tat-twelid qieghed tigi annessa bhala Dok. C);
(b) Nadia Alnakib li hija mwielda nhar it-12 ta' April 2010 (registrazzjoni tat-twelid qieghed tigi annessa bhala Dok. D);
(c) Mohamed Alnakib li huwa mwieled nhar l-24 ta' Frar 2013 (registrazzjoni tat-twelid qieghed tigi annessa bhala Dok.E);
(d) Nuray Alnakib li hija mwielda nhar it-30 ta' Dicembru 2016 (registrazzjoni tat-twelid qieghed tigi annessa bhala Dok. F).'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

2. Illi f'dan l-istadju l-esponent jeccepixxi illi ghalkemm Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet bhal dawn;

3. Illi jidher li r-rikorrent twieled f'Aleppo fis-Sirja nhar l-10 ta' Marzu 1972 lil missieru 'Mohamed Zaki Alnakib u lil ommu 'Nadia Said' u dan skont l-Att tat-Twelid tieghu, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP1', bin-numru progressiv 662 tas-sena 2012;

4. Illi l-Att tat-Twelid suespost gie registrat mill-esponent wara li r-rikorrent ghamel talba ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP2'. Flimkien mat-talba li saret, gew forniti ukoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia*, l-Att tat-Twelid esteru, it-traduzzjoni tal-istess u d-dokument li jiddikjara lir-rikorrent bhala cittadin Malti, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 3', 'Dok. DRP 4' u 'Dok. DRP 5' rispettivament. Wara li l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *as verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni fl-Att esteru. Dan ifisser illi stante li l-Att tat-Twelid esteru ma kienx hemm imnizzel illi kunjom ir-

rikorrent huwa 'Mardenli', u dan skont it-traduzzjoni pprovduta lill-esponent, l-esponent ma setghax inizzel fl-Att tat-Twelid rregistrat minnu li r-rikorrent ghandu l-kunjom ta' 'Mardenli', u dan stante li l-esponenti huwa marbut li jnizzel fl-Att tat-Twelid Malti l-istess informazzjoni u dettalji li jinsabu fl-Att tat-Twelid esteru;

5. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent u mir-rikorrent, ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kemm fit-talba maghmula mir-rikorrent sabiex jigi rregistrat l-Att tat-Twelid esteru tieghu, kif ukoll fid-dokument li jiddikjara lir-rikorrent bhala cittadin Malti, u fl-Atti tat-Twelid tal-erba' uliedu, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 6', 'Dok. DRP 7', 'Dok. DRP 8', u 'Dok. DRP 9' rispettivament, ir-rikorrent dejjem ddikjara illi kunjomu huwa 'Alnakib', ghal kuntrarju ta' dak li qieghed jallega fir-rikors guramentat odjern;

7. Illi maghdud mal-premess, fid-dokumenti ta' dikjarazzjoni tat-twelid ta' uliedu, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 10' u 'Dok. DRP 11', ir-rikorrent innifsu kkonferma li kunjomu huwa 'Alnakib' u li dak huwa l-kunjom li ghandu jinghata lit-tfal tieghu. Barra minn hekk, kif jixhdu l-annotazzjonijiet tal-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrent bin-numru progressiv 1669 tas-sena 2006, diga' premess u anness, kienet infethet kawza, bin-numru tac-citazzjoni 209/2006, sabiex ir-rikorrent jigi

dikjarat missier it-tifel u difatti l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat sentenza fl-20 ta' Gunju 2007, kopja informali hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 12', li tikkonferma li r-rikorrent huwa missier l-imsemmi tifel u li konsegwentement it-tifel ghandu jiehu l-kunjom tal-missier naturali u biologiku tieghu, cioe' il-kunjom 'Alnakib';

8. Illi xhieda tal-fatt li l-kunjom tar-rikorrent huwa verament 'Alnakib' u mhux 'Mardenli' hija t-traduzzjoni tal-Att tat-Twelid esteru, liem traduzzjoni giet ezebita mir-rikorrent stess u hija giet diga' annessa mill-esponent bhala 'Dok. DRP 4' fejn tiddikjara li ***"The surname (Mardenli) has been corrected to be (Alnakib), as per Aleppo Personal Statues Court decision no:/460/ of 20/05/2000".*** Dan juri bic-car li l-kunjom 'Alnakib' fl-Att tat-Twelid esteru ma kienx imnizzel b'mod hazin minhabba traskuragni jew nuqqas ta' hila jew informazzjoni bhal m'hu qieghed jallega r-rikorrent imma kien gie mnizzel bl-iskop li tigi ottemperata sentenza tal-Qorti estera;

9. Illi di piu`, f'dan l-istadju ir-rikorrent ghadu ma gabx prova wahda sodisfacenti illi turi illi r-rikorrent kien minn dejjem u konsistentement rikonoxxut bil-kunjom 'Mardenli' u mhux bil-kunjom 'Alkanib', kif jezigi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, jekk it-talbiet tar-rikorrenti jigu akkolti, tkun qieghda tinholoq identita` doppja ghaliex ir-realta' tal-fatti ma tkunx qieghda tigi riflessa fl-Atti tal-iStat Civili tar-rikorrent u uliedu. Ghaldaqstant, l-esponent jirrileva li, fi kwalunkwe kaz, it-

talbiet tar-rikorrent kollha ghandhom jigu michuda *in toto*;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet f'kull att, certifikat u dokument relattiv ghar-rikorrent. Illi ai termini mal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha u mhux f'dokument ufficjali. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attrici u tordna t-tibdil tal-kunjom tar-rikorrent fl-Atti tal-iStat Civili tieghu u ta' uliedu, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

11. Illi in vista tal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti m'ghandhomx jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti;

12. Illi in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni li tinsab esebita a fol. 16 tal-process.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku inkluz is-sentenza tal-Imhallef Noel Cuschieri datata 20 ta' Gunju 2007, a fol. 44 et sequitur tal-process.

Rat l-affidavits tar-rikorrent Abdulnaser Alnakib u ta' Shirley Mifsud esebiti a fol. 51 u fol. 52.

Semghet il-kontro-ezami taghhom fis-seduta tallum stess.

Rat illi llum stess il-partijiet ghalqu l-provi taghhom.

Ivverifikat mid-dokumentazzjoni esebita u kif ukoll mill-affidavits u l-kontro-ezamijiet illi l-kunjom tar-rikorrenti kif indikat sallum Alnakib fil-fatt m'huwiex kunjomu proprja izda huwa laqam. Jirrizulta mix-xiehda illi dan il-laqam tnizzel bhala kunjom bi zball meta mid-dokumentazzjoni u x-xhieda jirrizulta li l-familjari l-ohra kollha tar-rikorrent igibu l-kunjom ta' Mardenli. Illi l-Qorti tqis li jkun fl-ahjar interess kemm tar-rikorrenti kif ukoll tal-pubbliku in generali li tigi milqugha t-talba ghall-korrezzjoni fil-kunjom sabiex verament dan jevidenzja l-eghruq familjari tar-rikorrent u uliedu. Ukoll il-Qorti fehmet mix-xiehda tar-rikorrent u s-siehba tieghu li dan l-izball fil-kunjomijiet fejn minflok jitnizzel il-laqam u mhux il-kunjom effettiv sfortunatament jidher li huwa wiehed komuni lura fil-pajjiz tat-twelid tar-rikorrent.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompattibbli ma' dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi fir-registrazzjoni f'Malta tat-twelid ir-rikorrenti jigi notat illi kunjomu jinbidel ufficjalment minn 'Alnakib' ma' dak ta' 'Mardenli';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tar-registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti f'Malta li jgib in-numru 662/2012 billi jissostitwixxi l-kunjom 'Alnakib' ma' dak ta' 'Mardenli';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghar-rikorrenti biex b'hekk il-kunjom 'Alnakib' jigi sostitwit bil-kunjom 'Mardenli' izda dan limitatament ghal dawk l-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens illi skont l-Artiklu 253(3) fejn din ir-registrazzjoni tirrifletti wkoll f'dawk ic-cirkostanzi fejn ikun hemm ulied jew dixxindenti tar-rikorrenti, il-Qorti tordna illi jkun hemm it-tibdil fil-kunjom ta' ulied ir-rikorrenti minn 'Alnakib' ghal dak ta' 'Mardenli' u cioe' kif isegwi;

(a) Josef Alkanib li huwa mwieled nhar l-20 ta' Mejju 2006 bic-certifikat tat-twelid numru 1669/2006;
(b) Nadia Alnakib li hija mwielda nhar it-12 ta' April 2010 bic-certifikat tat-twelid numru 1302/2010;
(c) Mohamed Alnakib li huwa mwieled nhar l-24 ta' Frar 2013 bic-certifikat tat-twelid numru 1057/2013;
(d) Nuray Alnakib li hija mwielda nhar it-30 ta' Dicembru 2016 bic-certifikat tat-twelid numru 368/2017.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi stante li l-izball ma jirrizultax li huwa rizultat ta' xi agir tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Gunju, 2021**